MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 276/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. M'Stella Cutajar)**

**Vs.**
**James Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

**a) nhar l-20 ta' Novembru, 2003 ghall-habta tad-9.30 a.m. gewwa Hal-Qormi, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' stereo minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ-301 ghamla Peugeot 205 ta' kulur isfar ghad-dannu ta' Michael Zarb, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esekwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema**

**tentattiv ta' serq hu kkwalifikat bil-mezz, l-ammont u l-haga misruqa;**
**b) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 Maltin meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ-301, ghamla Peugeot 205 ta' kulur isfar ghad-dannu ta' Michael Zarb;**
**c) fiz-zminijiet ta' qabel din id-data minn gewwa l-Fgura kkommetta serq ta'stereo u oggetti ohra minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni w ghamla mhux maghrufa liema valur huwa ammontabbli ghal aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 Maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u l-haga misruqa;**
**d) fl-istess data u qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 21 tal-Kap. 446 kif ukoll l-artikoli li bihom gie originarjament akkuzat James Camilleri w cioe' 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 281, 325 tal-Kaptikolu 9 (qieset li r-reat ikkonsidrat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 huwa wiehed kompriz u nvolut fis-serq aggravat), rat ukoll l-artikolu 17, 20 u 31 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar.**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t'Awissu 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-appellant;**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal li bih din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni w tal-appellant li s-sentenza li tinsab fil-process iggib id-data tas-26 ta' Lulju, 2006 meta jidher manifest illi f'dik id-data l-kawza kienet giet differita ghat-28 ta' Lulju, 2006 (fol. 80). Fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Lulju, 2006 (fol. 81) hemm registrat li nghata provvediment u li James Camilleri talab is-sospensjoni ghall-fini ta' appell.**

**Il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li la darba fil-process ma hemmx is-sentenza originali, din il-Qorti trid toqghod fuq il-kopja dattilografata tas-sentenza li tinsab a fol. 82 sa 84 tal-process li tidher li ghandha data zbaljata w cioe' 26 ta' Lulju, 2006 minflok 28 ta' Lulju, 2006. Qablu wkoll li dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata w li din il-Qorti ghandha tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex terga' tinghata sentenza skond il-ligi bid-data korretta ta' meta eventwalment terga tinghata.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher car mill-atti processwali li d-data tas-sentenza fil-kopja ufficjali traskritta tal-istess li tinsab fil-process hija zbaljata ghaliex kellha tkun 28 ta' Lulju, 2006 u mhux 26 ta' Lulju, 2006.**

**Tiddisponi ghalhekk mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla w bla effett ghax iggib data zbaljata w konsegwentement qed tirrinvija l-atti processwali lill-Ewwel Qorti biex terga tinghata s-sentenza skond il-ligi bid-data korretta ta' meta eventwalment tkun qed terga tinghata din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------